MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2009

Numru 158/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Merieca)**
**vs**

**ANDRE' FRANCOIS BUHAGIAR**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Andre' Francois Buhagiar, ta' 25 sena, bin Joseph u Antonia nee' Caruana, imwieled Pieta' nhar it-13 ta' Lulju 1980 u li joqghod No 78, Triq San Gorg, Luqa, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 328880M.

Billi gie akkuzat talli nhar it-28 ta' Awissu 2005, ghall-habta ta' xi 21:30Hrs gewwa l-Gharghur:-

1. Ikkommetta serq ta' mobile phone tad-ditta Siemens ghad-dannu ta' Carmela Cini mill-Gharghur, liema serq

huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-lok, bil-hin, u bil-valur li jeccedi il-mitt lira Maltin (Lm100) izda anqas minn elf lira Maltin (Lm1000) u dan bi ksur tal-artikolu 261(a), (c), (e) u (f), 262(1)(a), 267, 269(g) u 270 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, u/jew fil-granet ta' wara dawn id-dati, f'dawn il-Gzejjer, xjentament xtara jew laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-lok, bil-hin u bil-valur u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkawzajt griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-istess Carmela Cini mill-Gharghur u dan skond ma iccertifika Dr Caruana MD mic-Centru tas-sahha tal-Mosta u dan bi ksur ta' Artikolu 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U fl-ahhar nett qed jigi akkuzat talli renda ruhu recediv, wara li nstab hati b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' l-Appell Malta, datata 14/03/2002 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali li jinsab a fol. 3 tal-Process u nnutat li l-imputat Andre' Francois Buhagiar m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Ramon Mercieca iddikjara li aktar kmieni dalghodu gie nfurmat mill-avukat difensur tal-imputat li l-imputat kien ser jirregistra ammissjoni fuq xi akkuzi migjuba kontra tieghu. Konsegwentement l-istess Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Ramon Mercieca ghall-Prosekuzzjoni iddikjara li it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat, liema akkuza tirrigwarda ricettazzjoni, inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda serq ikkwalifikat u ghaldaqstant talab lill-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Andre' Francois Buhagiar. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Ramon Mercieca iddikjara li hu konsapevoli li s-sitwazzjoni bejn l-imputat u l-parte civile Carmela Cini issa ippacifikat ruhha.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni akkuza migjuba kontra tieghu li tirrigwarda ricettazzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni akkuza migjuba kontra tieghu li tirrigwarda ricettazzjoni

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu li l-imputat jehtieg assistenza rigward l-abbuz tad-droga.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 221(1), 261(a),(c),(e) u (f), 262(1)(a), 267, 269(g), 270, 279(a), 280(2) u 281(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Andre' Francois Buhagiar, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni akkuza migjuba kontra l-istess imputat li tirrigwarda ricettazzjoni u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Ramon Mercieca iddikjara li hu konsepevoli li s-sitwazzjoni bejn l-imputat u l-parte civile Carmela Cini issa ippacifikat ruhha u li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu li l-imputat jehtieg assistenza rigward l-abbuz tad-droga, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputat Andre' Francois Buhagiar taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u li l-imputat ikun assistit biex jeghleb l-abbuz tad-droga u inoltre tikkundanna lill-imsemmi imputat Andre' Francois Buhagiar ghall-piena ta' mitejn u tlieta u tletin Euro (Ewro 233) multa.

Inkwantu ghat-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Andre' Francois Buhagiar, liema akkuza tirrigwarda ricettazzjoni, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Ramon Mercieca ghall-Prosekuzzjoni rigward din l-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat kif riprodott aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Andre' Francois Buhagiar.

Inoltre, il-Qorti, a tenur tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Andre' Francois Buhagiar b'obbligazzjoni personali ta' elf, mija u hamsa u sittin Euro (Ewro 1165) li jzomm il-kwiet ma' Carmela Cini ghal zmien sena millum.

Il-Qorti tordna li d-digriet anness ma’ din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-probation order jifforma parti intergrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tornda in-notifika ta’ kopja ta’ din is-Sentenza u tad-digriet anness ma’ din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Andre’ Francois Buhagiar.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sitt xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Andre’ Francois Buhagiar l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------